ĦAL QORMI
Citta' Pinto

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi

## Is-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 51

Il-Kunsilli Lokali Ħal Qormi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 392, Triq il-Vitorja Ħal Qormi, t-Tnejn 5 ta' Novembru fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jesmond Aquilina – Sindku
Bjorn Azzopardi – Viċi Sindku
Ralph Puli – Kunsillier
Jerome Caruana Cilia - Kunsillier
Martina Brancaleone – Kunsillier
Josef Aquilina - Kunsillier
Robert Reno Cremona – Kunsillier
Renald Falzon – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Daniel Bugeja - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Antoine Saliba Haig – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri –Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku Jesmond Aquilina ppresjeda l-laqgħa.

Is-Sindku beda billi qal it-talba u infurma lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.localgovernment.gov.mt.

**51.1 Ittri ta' Apoloġija**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Antoine Saliba Haig li ma setgħax jattendi għal-laqgħa minħabba li kien msiefer.

Il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza kienet għal raġuni ġustifikata u għaldaqstant m'għandux jsir nuqqas fl-*allowance*.

**51.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 51 li nżammet nhar it-Tnejn 1 t'Ottubru 2018, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Renald Falzon ssekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 50 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**51.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**51.3.1** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** nfurma li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali approva l-ħatra tas-Sur Chris Falzon bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv.

**51.3.2** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** nfurma li l-ġimgħa li għaddiet kien hemm problemi dwar skidjar ta' vetturi fil-pjazza, wara x-xita li għamlet. Is-Sindku spjega li jista' jagħti l-każ li dakinhar waqa' xi żejt u kien kaġun dan iż-żlieq. Is-Sindku Jesmond Aquilina nfurma li se jiġu nstallati tabelli ta' 10km Speed Limit.

**Il-Kunsillier Renald Falzon** nfurma li kellu lmenti wkoll dwar skidjar ta' vetturi fl-are ta' Triq San Pietru.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ġibed l-attenzjoni li huwa mportanti li ssir pressjoni mal-Perit sabiex jidentifika soluzzjoni b'mod immedjat.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** li anke lilu avviċinaw dwar din il-kwistjoni.

51.3.3 **Is-Sindku Jesmond Aquilina** nfurma li jidher li t-tlett baned aċċettaw dak propost mill-Kunsill. Is-Sindku nfurma li l-Għaqda Mużikali San Ġorġ ippreżentat korrispondenza dwar ir-rotta tal-marċ u korrispondenza oħra dwar il-kunċert annwali għas-sena 2019, meta dan mhux pari mill-kuntratt attwali.

51.3.4 **Is-Sindku Jesmond Aquilina** nfurma li se jkun qed jitfassal il-programm ta' xogħlijiet għas-sena 2019, fejn fil-ġranet li ġejjin se jkun qed ilaqqa' l-Kumitat tal-Finanzi sabiex jibda jitqassam il-Budget 2019.

51.3.5 **Is-Sindku Jesmond Aquilina** nfurma li l-applikazzjoni għall-fondi tal-UIF għall-Pjazza ta' Triq San Bastjan se tiġi diskussa quddiem il-bord tal-Awtorita' tal-Ippjanar.

51.3.6 **Is-Sindku Jesmond Aquilina** nfurma li ġie ffirmat il-kuntratt tax-xiri ta' garaxx li se jibda' jintuża parti għall-arkivjar ta' dokumenti u parti oħra bħala workshop għall-ħaddiema.

51.4 **MOZZJONIJIET**

51.4.1 **Mozzjoni Nru 96/2018**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ippreżenta mozzjoni nru 96 **;**

*Nipproponi li jsiru żewġt culverts, wieħed f'tarf Triq Kardinal Sciberras ma Triq il-Kbira u ieħor f'tarf Triq il-Blata ma Triq il-Kbira u li ssir manutenzjoni tal-bankina mill-Knisja sa fejn il-każin tan-nar l'aktar parti li tintuża għax qiegħda tkun tiżloq meta mxarba u spiss jaqgħu n-nies.*

**Il-Kunsillier Renald Falzon** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 96/2018.

51.4.2 **Mozzjoni Nru 97/2018**

**Il-Kunsillier Renald Falzon** ippreżenta mozzjoni nru 97 **;**

*Peress li l-Kunsill Lokali Ħal Qormi għandu għal qalbu lis-spazji miftuħa, speċjalment il-ġonna ta madwar Ħal Qormi. Qiegħed nressaq din il-mozzjoni biex il-ħamrija li hemm fejn lis-statwa ta' San Ġorġ u il-ħamrija fil-ġnien fejn hemm il-monument tal-Pulizija Roger Debattista, fiż-żona ta'*

*Farsina, jidawru b'fence biex ma jkunux jistgħu jagħfġu persuni irresponsabli jew iddaħħlu l-klieb biex iħammġu fl-istess ħamrija.*

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 97/2018.

51.4.3 **Mozzjoni Nru 98/2018**

**Il-Kunsillier Renald Falzon** ippreżenta mozzjoni nru 98**;**

*Issa li x-xogħlijiet fuq il-pompa tal-petrol fi Triq San Bastjan ma Triq il-Kbira tlestew u fuq xewqa ta' bosta residenti li jgħixu fil-madwar, li ilhom għal żmien twil jitolbu għall-installar ta' zebra cross fil-parti ta' isfel ta' triq San Bastjan.*

*Nipproponi li l-Kunsill iressaq talba formali lill-Awtorita' tat-Transport sabiex iz-zebra crossing installata matul il-perijodu tal-proġett ta' tisbiħ tal-pompa, ma titneħħiex. B'hekk tkun imħarsa s-saħħa u s-sigurta tar-residenti li jkollhom bżonn jaqsmu f'din iz-zona.*

Is-Sindku, Jesmond Aquilina ssekonda din il-mozzjoni.

Is-Sindku Jesmond Aquilina spjega li trid tiġi revised għaliex fejn tinsab fil-preżent hija perikoluża. Is-Sindku ppropona li nagħmlu kuntatt mas-Sur Luke Genuis sabiex niddiskutu din il-proposta, qabel il-Kunsill imur għall-vot dwar din il-mozzjoni.

51.4.4 **Mozzjoni Nru 99/2018**

Is-Sindku Jesmond Aquilina ppreżenta mozzjoni Nru 99;

*Nipproponi illi kull xahar jingħata premju ta' qasrija lil kull resident ta' dik it-triq li l-aktar li tkun osservat il-proċeduri tar-riċiklaġġ.*

Tqajjem il-punt tal-moniteraġġ dwar din l-inizzjattiva. Is-Sindku spjega li jista' jsir eżerċizzju mill-Contracts Manager tal-Kunsill**.**

Il-Kunsillier Ralph Puli ppropona li jsiru parametri sabiex issir distinzjoni bejn triq li fiha ftit residenti u triq li fiha ammont sostanzjali ta' residenti.

Għaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu s-Sindku talab korrezzjoni għall-Mozzjoni;

*'Nipproponi li l-Kunsill jaħseb biex tiġi ppreparata inċentiva għal dawk ir-residenti li l-aktar li josservaw ir-regoli tal-ġbir tal-iskart.'*

Il-Kunsill approva l-korrezzjoni tal-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 99/2018.

51.4.5

**MOZZJONI NRU 100/2018 (VII)**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina ppreżenta mozzjoni Nru 100;**

*Qed nipproponi biex il-Kunsill Lokali ikun qed jipparteċipa b'mod attiv fil-festi tal-Milied;*

*Biex ikompli jaħdem id f'id mal-għaqdiet lokali; Nipproponi biex bħalma għamel fis-snin preċedenti l-Kunsill Lokali jidħol fi ftehim :-*

*mal-Għaqda Armar San Bastjan sabiex jarmaw tiżjin tal-Milied fi Triq San Sebastjan;*

*mal-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri sabiex jarmaw tiżjin tal-Milied fi Triq il-Kbira/ Pjazza San Franġisk;*

*mal-Kumitat Festi Esterni sabiex jarmaw tiżjin tal-Milied fi Triqil-Kbira/Triq il-Blata*

*mal-Għaqda Soċjo Muzikali Anici sabiex jarmaw tiżjin tal-Milied fi Triq San Ġwakkin Schembri u l-madwar*

*Fejn il-Kunsill ihallas tal-ispejjeż involuti bl-istess arranġamenti tas-sena l-oħra.*

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 100/2018

51.4.6

**MOZZJONI NRU 101/2018 (VII)**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ppreżenta Mozzjoni nru 101**;**

Wara talba li kien hemm minn diversi ġenituri, nipproponi li jiżdiedu żewġ bandli oħra għaż-żgħar fi Ġnien Frederick Maempel.

Il-Kunsillier Renald Falzon issekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 100/2018

51.5

51.5.1 **Korrispondenza**

**Bankina fi Triq Dun Mario**

Il-Kunsill qabel li ssir il-manutenzjoni tal-bankina.

**Problemi fi Triq il-Barrakki**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li din hija kwistjoni ta' Enforcement

**Skema Libreriji**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali approva s-somma ta' €600 għal kull librerija.

51.6

**51.6.1** **Tindif fil-libreriji**

**51.6.2** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li tkellmet mal-persuna li qed tnaddaf il-librerija fejn hemm nuqqas ta' ftehim dwar il-ħlasijiet. Saret diskussjoni dwar il-bosta diffikultajiet li qed ikun hemm bit-tindif tal-libreriji, fejn darba kull ħmistax mhux biżżejjed.

**Sponsorship ta' kors ta' waħda mill-impjegati tal-Kunsill**

**51.6.3** L-Impegata Nicole Farrugia qed titlob sponsorship sabiex tkompli l-kors tal-Accounts. Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi fisser li skont il-Liġi taċ-Ċivil, l-impjegat għandu jkun ilu aktar minn sena mpjegat. Il-kunsillier Daniel Bugeja ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill għandu jivverifika jekk ġaladarba l-kors diġa nbeda l-Kunsill jistax iħallas dan il-kors. Barra minhekk skont iċ-Ċivil, l-impjegat għandu jkun ilu mpjegat aktar minn sena. Il-Kunsill talab li ssir verifika.

**Stima ta' CCTV Cameras fi Triq San Edwardu u Triq ix-Xitwa**

**51.6.4** Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li nġabru 2 stimi għall-cameras mal-entratura tal-garaxx tal-Kunsill u oħra fi Triq ix-Xitwa, fuq il-bring-in sites. Il-Kunsill approva din in-nefqa.

**51.7** **UnAudited Financial Statements**

Is-Segretarju Eżekuttiv talbet sospensjoni tal-Aġenda sabiex jiġu ppreżentati l-unaudited financial statements, għax-xhur bejn Jannar u t-13 t'Awwissu 2018.

**Il-Sindku Jesmond Aquilina** ppropona l-approvazzjoni tal-Mit Term Unaudited Financial Statements.

**Il-Kunsillier Renald Falzon** issekonda.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-Mid-Term Unaudited Finacial Statements.

**51.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Ottubru.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ġibed l-attenzjoni dwar il-ħlasijiet tal-Proġett tal-pjazza ta' Triq San Bastjan fejn qal li hu m'għandux biżżejjed informazzjoni dwar kemm .

**Il-Kunsillier Ralph Puli** talab lista tal-ispejjeż ta' kemm ġie jiswa dan il-proġett u jekk il-Kunsill hux in line mat-tender tal-bidu.

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** qal li fejn kien hemm żieda kollox kien kopert b'mozzjonijiet li ġew approvati mill-Kunsill.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** qal li jixtieq jara huwa l-proġett sħiħ kemm ġie jiswa l-proġett sħiħ, biex jara li qegħdin within the financial rules. Staqsa jekk il-perit hux jiċċertifika x-xogħlijiet li saru u hux jaqblu ma dak approvat mill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv għamiltha ċara li kull pagament jiġi mgħoddi għall-approvazzjoni tal-membri wara li jkollha ċertifikazzjoni tax-xogħlijiet kollha.

I**s-Sindku Jesmond Aquilina** staqsa għaliex qed jinqala' dan kollu, meta l-Kunsill dejjem baqa' jimxi bl-istess proċeduri li dejjem saru minn mill-ewwel ġurnata tal-Kunsill.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** staqsa kemm ġie jiswa l-Proġett tal-Pjazza ta' Triq San Bastjan. Is-Sindku Jesmond Aquilina qallu li l-proġett ġie jiswa qrib €500,000. Is-Sindku qal li dan il-proġett sar bil-projections skont il-fondi tal-UIF, li bħalissa hemm madwar € 600,000 fil-fond allokati lil-lokalita' ta' Ħal Qormi.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** qal li l-winning bid kienet madwar € 200,000 u l-Kunsill approva n-nefqa ta' madwar € 250,000 għas-sistema tad-dawl, iz-zuntier u t-tibdil fil-materjal.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** ippropona l-approvazzjoni tal-iSkeda ta' Ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Daniel Bugeja** issekonda.

Il-Kunsillier **Ralph Puli** vvota favur il-pagamenti bi proviso li kollox huwa in regola.

L-iSkeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata unanimament.

**Punti Oħra**

Il-Kunsillier Ralph Puli nfurma lill-membri dwar il-każ ta' Triq San Pietru/Triq San Pawl għaliex ma jistax jifhem kif ix-xogħol ġie ċċertifikat meta l-qlib tat-triq ma sarx sewwa. Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjega tal-każ u x'azzjoni ttieħdet.

Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia nfurma li quddiem tad-donuts, fi Triq Correa sfrundat it-triq.

Il-Kunsillier Daniel Bugeja ġibed l-attenzjoni li qed isir rimi ta' skart fl-entratura ta' St Thomas Hospital fi Triq il-Belt Valletta u talab li tintbagħat korrispondenza sabiex ma jibqgħux joħorġu l-iskart.

Il-Kunsillier Daniel Bugeja talab li jsir tindif fil-passaġġ ta' wara l-Hockey Club.

Il-Kunsillier Daniel Bugeja talab li jsir żbir tal-oleander eżistenti fi Triq l-imdina direzzjoni ċimiterju tat-torok. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dan l-ilment diġa ġie mgħoddi għall-attenzjoni tal-ELC u Transport Malta.

**Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-7.45p.m. u ġiet aġġornata għall-Ħamis 6 ta' Diċembru 2018 fis-6.30p.m.

Konfermati, illum, 6 ta' Dicembru 2018.

**IFFIRMATI** **IFFIRMATI**

______________________ ______________________

Jesmond Aquilina Karen Camilleri
Sindku Segretarju Eżekuttiv